MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 19/2003

Kawza fil-lista: 23

**A B personalment u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha C, D u E**
**vs**
**F G B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru (22) tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989) Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li jisimhom C ta' tnax-il sena, D ta' ghaxar snin u E ta' sitt snin;

Peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u adulterji kommessi kontriha da parti tal-istess zewgha kif ukoll li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

Peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond Awla tal-Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f' dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond digriet moghti minn dik il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2002 liema digriet gie sussegwentement modifikat u mgedded sat-23 ta' Jannar 2003 (Dok B, C, u D);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut ghaliex:

1. M' ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u adulterju li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M' ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarji lilha dovuta skond il-ligi ghaliha u ghat-tlett uliedhom minuri hawn fuq imsemmija b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zjieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ordnati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-employer tal-konvenut, skond il-kaz;

3. M' ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;

4. M' ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, occorrendo b' opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi

nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsennja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha.

6. M’ghandiex l-attrici tigi awtorizzata tkompli tabita fid-dar matrimonjali li gib l-isem <<< indirizz >>>.

7. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija lill-attrici salv kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili u spejjez legali ghall-ittra legali u ghall-hlas ta’ perit biex jaghmel stima tal-assi ghall-iskop ta’ likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti inkluzi l-mandat ta’ Deskrizzjoni numru 12/03CX u l-mandat ta’ sekwestru numru 13/03 kontra l-konvenut li qed jigi ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi ghalkemm huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment, dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici kosistenti f’ ingurji gravi, eccessi, vjolenza morali, sevizzi u abbandun fil-konfront tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan peress illi l-konvenut ma hu tenut jivversa l-ebda manteniment lil martu gialadarba l-istess martu hija responsabbli ghas-separazzjoni u ghalhekk ghandha titqies li ddekadiet minn kull manteniment.

3. Illi t-tielet talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda peress li l-konvenut ma jahtix ghas-separazzjoni.

4. Illi kwantu ghar-raba’ talba attrici, ghalkemm il-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi xolta, il-porzjoni assenjat lill-konvenut ghandu jkun akbar min dak assenjat lill-attrici.

5. Illi kwantu ghall-hames talba din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li ma hemm ebda beni parafernali u dotali spettanti lill-attrici.

6. Illi kwantu ghas-sitt talba din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li l-fond matrimonjali jappartjeni lill-genituri tal-konvenut u ma jifformax parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

7. Illi kwantu ghas-seba’ talba din ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa tibqa’ inunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li biha ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fit-22 ta’ Settembru 1989, (Dok A) u minn liema zwieg taghhom twieldu tlett ulied u cioe’ C ta’ tnax-il sena; D ta’ ghaxar snin u E ta’ sitt snin.

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, vjolenza morali, minacci, ingurji gravi u abbandun kommessi mill-attrici rikonvenuta kontra l-konvenut rikonvenjenti, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif se jirrizulta ahjar fil-kors tal-kawza.

Peress illi in oltre, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru;

Peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-konvenut rikonvenjenti ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedi f’ din l-istanza ghas-

separazzjoni personali u dan skond digriet moghti minn dik il-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2002, digriet numru 886/2002 hawn anness u markat bhala Dok B.

Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenutaghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni personali necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba eccessi, sevizzi, vjolenza morali, abbandun, minacci u ingurji gravi li l-imsemmija attrici rikonvenuta ikkommettiet kontra zewgha l-konvenut rikonvenjenti u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

2. Tordna lill-istess attrici rikonvenuta thallas lill-konvenut rikonvenjenti manteniment xieraq, li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet tal-konvenut rikonvenjenti, tenut kont tal-mezzi ta' l-attrici rikonvenuta, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi wkoll stabbilita inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja.

3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b' dan illi jekk ikun il-kaz, l-attrici rikonvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-konvenut rikonvenjenti u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-attrici rikonvenuta tat lok li ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b' opera ta' perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

6. Tikkundanna lill-attrici rikonvenuta sabix tikkonsenja lill-konvenut rikonvenjenti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali tieghu inkluz flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-konvenut

rikonvenjenti l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

7. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenjenti li jghix esklussivament fid-dar konjugali <<< indirizz >>> flimkien ma' wliedu.

8. Takkorda lill-konvenut rikonvenjenti kura u kustodja kongjunta ma' martu ghat-tlett uliedu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u spejjez legali ghall-ittri legali u ghal hlas ta' periti kontra l-attrici rikonvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata li biha eccepiet:

1. Illi rigward l-ewwel talba hija taqbel maghha limitatament ghas-separazzjoni personali izda mhux ghar-ragunijiet hemm indikati u dana stante li l-konvenut rikonvenzjonanti jaf ben tajjeb li z-zwieg tkisser minhabba li huwa stess jghid li huwa 'torn between two lovers' u jrid li jzomm lil mara u lill-habiba.

2. Illi t-tieni talba ghandha tigi michuda u dana stante li hija dejjem kienet id-dar tiehu hsieb lill-konvenut u lill-familja kollha kif ukoll minhabba li ghandu business tajjeb ta' sign writing.

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda u dana ghaliex hija mhix il-kagun ta' separazzjoni tant li jekk huwa jitlaq lill-habiba li ghandu hija lesta li ssalva dan iz-zwieg.

4. Illi hija ma toggezzjonax ghar-raba' talba.

5. Illi rigward il-hames talba hija toggezzjona ghal sehem indaqs ta' likwidazzjoni izda mhux li ssir tali likwidazzjoni u dana stante li z-zwieg tkisser minhabba l-konvenut rikonvenzjonant.

6. Illi s-seba’ u t-tmien talba ghandhom jigu michuda u dana stante illi huwa qatt ma kien id-dar jiehu hsieb lill-uliedu u dana ghax wara x-xoghol dejjem ma’ shabu jew il-club tar-racing.

Rat id-dikjarazjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti, minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici proprio et nomine qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lilu in bazi ghal Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas separazzjoni personali, jsostni li din hija mputabbli lill-attrici in bazi ghal Artikoli 40 u 41 tal-Kap.12.

Illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta’ Settembru 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal C, D u E li ghadhom minorenni.

Illi rigward it-talba ghas-separazzjoni personali u t-tort rispettiv, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjoni raggjunta mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu pagni 8 sa 10 a fols.291 u 293 u taddottahom fl-intier taghhom. Mill-provi rrizulta li fis-sena 2001 il-konvenut qabad relazzjoni ma’ terza persuna jdentifikata b’ isimha, u li ghadha sejra sallum, liema relazzjoni adultera tikkostitwixxi l-kawza primarja tad-dizgwid matrimonjali bejn il-konjugi u li wasslet ghat-tkisser b’ mod irrimedjabbli taz-zwieg taghhom, u kif osservat mill-perit legali ma tirrizulta ebda raguni ohra li kellha “xi gravita tali li setghet

twassal ghat-tkissier taz-zwieg." Kien biss l-adulterju tal-konvenut li wasssal ghal dan.

**Kura u Kustodja**
Anke f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi u taddotta in toto l-konkluzjonijiet tal-perit legali. Kienet l-attrici li hadet hsieb it-tfal komuni taghhom minn mindu twieldu u dan nonostante l-inkwiet serju li kellha fiz-zwieg taghhom kawzat mir-relazzjoni adultera ta' zewgha ma terza persuna. Huwa ghalhekk fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghhom tibqa' fdata f' idejn l-attrici bid-dritt ta' access ghal missier kif indikat fil-pagna 10 tar-relazzjoni a fol.293 tal-process.

**Manteniment**
Anke f' dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali kontenut fil-pagni 10 sa 11 tar-relazzjoni tieghu, salv ghal dak li jirrigwarda manteniment ta' l-ulied meta jaghlqu t-tmientax il-sena.

Huwa minnu li l-attrici kellha taghmel xi xoghol part time sabiex tlahhaq ma' l-ispejjez tal-familja partikolarment dawk li ma kienx qed ihallas il-konvenut u cioe' dawk rigwardanti l-edukazzjoni tat-tfal u li jinsabu dettaljatament indikati fin-noti prezentati mill-attrici a fols.280, 312, u 349 tal-process, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm2,862.28; izda mill-banda l-ohra jirrizulta li l-konvenut ghadu jahdem u anke jhaddem impjegat mieghu. Di fatti anke fl-istess affidavit tieghu l-konvenut jghid li jekk jigi milqugh is-suggeriment ta' l-attrici u jinbieghu z-zewg garages, tigi eliminata "l-possibilita' illi nkompli nezercita s-sengha tieghu ta' zebbiegh. Jekk ma nkomplix naghmel dan it-tfal ser jbatu severament peress mhux se jkollhom lil hadd jahdem ghalihom."[1]

Stabbilit il-premess, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-attrici tahdem part time bi qligh medja ta' Lm15 fil-gimgha, huwa gust fic-cirkostanzi li l-manteniment dovut lill-attrici ghandu jkun ta' Lm20 fil-gimgha, li ghandu jieqaf biss jekk hi

[1] Fol.80

tahdem full time jew jekk tkun f' relazzjoni intima ma' terza persuna.

Il-manteniment dovut lil ulied ghandu jkun ta' Lm20 fil-gimgha ghal kull wild sakemm jsiru maggjorenni jew jbdew jaghmlu xoghol bi qligh. Dan il-manteniment ta' l-ulied ghandu jinkludi kull spiza necessarja ghat-tfal inkluzi dawk edukattivi u medici.

Rigward l-estensjoni tal-manteniment ghaz-zmien li l-ulied ikunu qed isegwu studji tertjarji, dan ghandu jsir biss bi ftehim bejn il-missier u l-istess ulied.

**Komunjoni ta' l-akkwisti u oggetti parafernali**

In propositu l-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijet tal-perit legali li jinsabu fil-pagna numru 11 san-numru 15, salv ghal dak li jirrigwarda l-quantum ta' l-ispejjez ta' tfal, kif ukoll id-dar matrimonjali u l-mobbli fl-istess dar.

Illi l-assi tal-komunjoni mobbli u mmobbli jinsabu elenkati fil-pagni numri 11 sa 13 tar-relazzjoni.

Fic-cirkostanzi, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissier taz-zwieg tant li telaq mid-dar biex mar jikkoabita mal-habiba tieghu, hija gusta u ekwa li l-assi jigu spartiti bil-mod segwenti:

[1] Il-garage biswit il-garage bl-isem C, valutat fis-somma ta' Lm200,000 ghandu jinbigh, u r-rikavat tieghu, wara li jitnaqqsu l-ammonti li ser jigu ndikati, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

[2] Il-garage bl-isem C Garage, valutat fis-somma ta' Lm85,000, flimkien ma' l-ghodda ezistenti, ghandu jigi assenjat in piena proprjeta' lill-konvenut, sabiex dan ikun jista' jkompli jezercita s-senghat tieghu; u sehem l-attrici, rapprezentanti nofs dan l-ammont, cioe' s-somma Lm42,500 jigi assenjat lilha;

[3] Il-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali li l-konvenut abbanduna biex jkompli fir-relazzjoni adulterina tieghu, ghandhom jigu assenjati kollha lill-attrici;

[4] Il-kumplament tal-oggetti mobbli ghandhom jigu spartiti kif indikat mill-perit legali;

[5] Illi rigward l-ammont ta' Lm16,000 pretiz mill-konvenut bhala parafernali, il-Qorti hija propensa li taccetta bhala validi il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali in propositu. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jahdem hafna anke qabel iz-zwieg u kien issellef Lm8,500 qabel iz-zwieg li traddet lura kwazi kollha qabel iz-zwieg. Inoltre, l-attrici ma nnegatx li l-konvenut kellu din is-somma, izda qalet li ma kienitx taf x' kellu. Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien jahdem hafna, anke qabel iz-zwieg u kellu negozju tajjeb anke f' dak iz-zmien, tant li matul iz-zwieg kien kapaci jtella' assi sostanzjali fi prorjeta' immobiljarja, hija propensa li, fuq bazi ta' probabilita', taccetta t-tesi tieghu f' dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, wara li jinbigh il-garage biswit il-garage 'C', l-attrici ghandha tiehu mir-rikavat is-segwenti ammonti: Lm42,500 sehemha minn C Garage, Lm300 differenza fil-vetturi, Lm1,500 differenza mill-kont bankarju Malti, u Lm2,862.28 rapprezentanti spejjez maghmula mill-attrici ghat-tfal u li huma dovuti mill-konvenut.

Minn naha l-ohra l-konvenut ghandu jiehu mir-rikavat is-segwenti ammonti: Lm16,000 dovuti lilu bhala parafernali, Lm1300 valur tal-vettura Fiat proprjeta' parafernali u Lm600 nofs l-ammont fuq il-kont bankarju esteru.

Il-bilanc li jibqa' wara li l-kontendenti jiehdu dawn l-ammonti ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-vettura Peugeot numru JJJ-405 ghandha tigi assenjata lill-attrici, filwaqt li l-vettura Toyota EB1-065 ghandha tigi assenjata lill-konvenut, bid-debita ekwiparazzjoni kif fuq indikat.

**Dar matrimonjali**

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali hija proprjeta' tal-genituri tal-konvenut, u li tinsab okkupata mill-attrici minghajr titolu. Ghaldaqstant, stante li l-genituri tal-konvenut mhumiex parti fil-kawza, il-gudizzju odjern ma jaghmilx stat fil-konfront taghhom li ghalihom huwa res inter alios acta. Dan johrog car mid-dispost ta' l-Artikolu 237 tal-Kap.12.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tista' biss tawtorizza lill-attrici tkompli tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' ulied il-partijiet, ad eskluzjoni tal-konvenut, izda minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li l-genituri tal-konvenut ghandhom fuq din id-dar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talbiet ta' l-attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut u li ghalhekk, iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

[2] tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-konvenut jhallas retta alimentarja lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' ghoxrin [Lm20] fil-gimgha, u ghoxrin [Lm20] lira ohra fil-gimgha bhala manteniment ghal <u>kull wild</u> sakemm dawn jilqhu l-eta' tat-tmientax il-sena jew jibdew jahdemu; dan il-manteniment huwa pagabbli kull erba gimghat bil-quddiem. Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond iz-zieda fl-gholi tal-hajja.

Il-manteniment dovut lill-attrici <u>ghaliha</u> jispicca jekk dina tibda tahdem full time jew tikkoabita ma' persuna ohra tas-sess oppost li ma jkunx membru tal-familja taghha, jew tkun mantnuta minnu;

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-Artikolu 48 [1][a][b][c] tal-Kap.16;

[4] tilqa' r-raba talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u li tikkonsisti fl-assi elenkati fil-pagni numri11 u 13 tar-relazzjoni tal-perit legali; u tordna li l-garage biswit il-garage bl-isem C jinbigh bis-subbasta, jew fuq is-suq

liberu jekk il-partijiet hekk jifthemu, u ir-rikavat tieghu, wara li minnu jitnaqqsu l-ammonti fuq indikati dovuti lill-partijiet, jinqasam u jigi assenjat ugwalment liz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant, wara li jinbiegh il-garage biswit il-garage ‘C’, l-attrici ghandha tiehu mir-rikavat is-segwenti ammonti: Lm42,500 sehemha minn C Garage, Lm300 differenza fil-vetturi, Lm1,500 differenza mill-kont bankarju Malti, u Lm2,862.28 rapprezentanti spejjez maghmula mill-attrici ghat-tfal u li huma dovuti mill-konvenut.

Minn naha l-ohra l-konvenut ghandu jiehu mir-rikavat is-segwenti ammonti: Lm16,000 dovuti lilu bhala parafernali, Lm1300 valur tal-vettura Fiat proprjeta’ parafernali u Lm600 nofs l-ammont fuq il-kont bankarju esteru.

Il-bilanc li jibqa’ wara li l-kontendenti jiehdu dawn l-ammonti ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-vettura Peugeot numru JJJ-405 ghandha tigi assenjata lill-attrici, filwaqt li l-vettura Toyota EB1-065 ghandha tigi assenjata lill-konvenut, bid-debita ekwiparazzjoni kif fuq indikat.

[5] tilqa’ t-talba fis-sens li tordna li l-kont bankarju esteru li l-attrici ghandha f’ isimha u li hu parafernali taghha, jibqa’ jinzamm kollu minnha;

[6] tilqa’s-sitt talba, u tawtorizza lill-attrici tkompli tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma’ ulied il-partijiet, ad eskluzjoni tal-konvenut, izda minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li l-endituri tal-konvenut ghandhom fuq din l-istess dar;

[7] tilqa’ s-seba’ talba u tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri lill-attrici bid-dritt ta’ access ghall-konvenut kull nhar ta’ Erbgha bejn il-5.00 pm u s-7.00 pm waqt l-iskola, u mis-7.00 pm sad-9 pm fix-xhur tas-sajf meta tispicca l-iskola; darba nhar ta Sibt u darba mhar ta’ Hadd mill-10.00 am sas-6.00 pm. Il-missier ghandu jkollu t-tfal mieghu fil-Milied mill-4.00 pm sas-7.30 pm u fl-Ewwel tas-Sena mid-9.30 am sal-4.00 pm. Matul l-access tal-missier

ma’ ghandux ikun hemm persuna tas-sess oppost li mhijiex membru tal-familja tieghu.

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba tal-konvenut billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali, u tichadha ghall-kumplament;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet numri erbgha, hamsa u sitta, stante li dawn jinsabu diga’ decizi kif fuq indikat;

[5] tichad is-seba’ talba;

[6] tichad it-tmien talba;

L-ispejjez kollha, kemm tat-talba attrici kif ukoll tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------